MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Numru. 393/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Farrugia**

**vs**

**George Grech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ George Grech ta’ 23 sena, bin Carmelo u Mary *nee’* Tonna, imwieled Pieta’ nhar it-18 ta’ Novembru, 1987, li joqghod Nru. 30, Triq San Xmun, Fgura u li ghandu numru tal-karta tal-identita 00523487(M) gie akkuzat quddiemha :

Talli nhar is-26 ta' Settembru, 2010 ghall-habta tal-04.15 P.M., San Gwann, limiti tal-Balal u f' inhawi ohra f' dawn il-Gzejjer Maltin ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Luke Camilleri, li ghandu numru tal-karta tal-identita' 0293092(M)

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Luke Camilleri l-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai *terminu tal-artiklu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur*.

Rat in-nota tal-Avukat Generali  datata 17 ta' Novembru 2011 (esebita a fol. 68 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dal li hemm mahsub :-

a) Fl-Artikoli 214,215 u 218 (1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b) Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju 2012 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni;

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ fis-26 ta’ Settembru 2010 fil-Vibes, Tal-Balal, limiti ta’ San Gwann bejn il-kwerelant Luke Camilleri u grupp ta’ nies li allegatament kienu jinkludu wkoll lill-imputat fejn Luke Camilleri spicca sofra griehi li gew klassifikati bhala ta’ natura gravi (certifikat mediku tal-griehi li sofra Luke Camilleri nserit a fol. 24 u mmarkat bhala Dok KF 2). Luke Camilleri ghamel rapport fis-6.00am tas-26 ta’ Settembru 2010 fejn qal li aktar kmieni huwa kien qieghed hdejn il-Vibes u nqala’ argument ma’ xi persuni li kienu mill-Fgura. Huwa kompla jghid li xi hadd minn dawn il-persuni waddab flixkun lejh u laqtu f’ halqu u kissirlu sinna fejn gie certifikat mic-Centru tas-Sahha li kellu feriti gravi. Huwa ssuspetta f’ wiehed li kien jafu bil-laqam bhala l-Gahgah u xi gimgha wara Luke Camilleri mar jirraporta lill-Pulizija li l-persuna li waddablu l-flixkun kien jismu George Grech u kien mill-Fgura. L-imputat gie nterrogat mill-Pulizija fejn irrilaxxja stqarrija (dok KF 1 a fol. 21) fejn innega li kien tefa’ flixkun lejn xi hadd fis-26 ta’ Settembru 2010.

Ikkunsidrat

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’ zewg verzjonijiet tal-fatti kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi misjub hati, l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu iridu jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. Issir referenza ghas-Sentenza

moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. In oltre huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni huma dawk il-fatti li semma Luke Camilleri fejn huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li weggghu bi flixkun fejn sofra griehi hfief f' halqu kif ukoll inkisret is-sinna ta' quddiem. Dawn il-fatti gew konfermati wkoll mill-istess habib tieghu u cioe' Matthew Borg li kien fuq il-post u jghid li ra kull ma gara. Huwa wkoll qal li kien l-istess imputat li tefa' l-flixkun fid-direzzjoni ta' Luke Camilleri u b' hekk sofra il-feriti kagun tad-daqqa. L-imputat li ghazel li jixhed f' dawn il-proceduri nnega li kien involut f' dan l-incident u meta xehed (a fol 110) qal li *infaqa' flixkun* u kompla jghid li ra *l-flixkun jahbat ma' wicc Luke*. Huwa zied jghid li ma kienx daqshekk vicin ta' Luke Camilleri u ma *tantx seta jara jekk kellux demm jew le* (a fol 113).

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta b' mod car li l-incident de quo nqala fis-26 ta' Settembru 2010 filghodu kmieni. Illi fir-rapport dwar

l-incident hemm indikat a fol 15 li l-incident sehh bejn l-04.15 u l-04.30. Mic-certifikat mediku (a fol 24) jidher ukoll li l-ezami ta’ Luke Camilleri sar fil-5.30 **am** u dan siegha wara li sehh l-istess incident gewwa l-Liquid Club f’ San Gwann. Fir-rapport ta’ Dr. Mario Scerri, l-espert mediku nominat minn din il-Qorti jidher b’ mod car li l-hin tal-incident kien fit-03.00am (a fol 43). Jidher ukoll anki mill-istess xhieda li ta Luke Camilleri in kontro-ezami (a fol 75) li huwa ra kommossjoni u l-hin kien bejn it-3.00am u 4.00am. Huwa kkonferma wkoll li dak il-hin in-nies kienu hergin ‘l barra mill-club ghal habta tal-04.00am.

Illi nonostante cioe’ fic-charge sheet l-imputat jinsab akkuzat talli fis-26 ta’ Settembru 2010 **ghall-habta ta’ 4.15pm** f’ tal-Balal, limiti ta’ San Gwann volontarjament ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Luke Camilleri u dan meta mill-provi jirrizulta minghajr dubju li l-incident sehh fis-sighat bikrin tas-26 ta’ Settembru 2010 u mhux fl-4.15pm. F’ dan l-istadju din il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet, “Il-Pulizija vs Warren Piscopo” deciza fis-19 ta’ Ottubru 2011 per Imhallef David Scicluna fejn intqal is-segwenti dwar il-hin indiikat fic-charge sheet:-

> “Evidentement ma setax jinsab hekk hati galadarba l-provi jirrigwardaw incident li sehh fis-6.10 p.m. F’kaz simili deciz minn din il-Qorti fit-18 ta’ Ottubru 2005, u cioe` l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f’dik il-kawza gie akkuzat b’reati li allegatament sehhew “ghall-habta tas-7.30 p.m.” mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh “ghall-habta tas-7.30 a.m.”, intqal:

> **"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat flimputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi flimputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-Prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportun tempestivament."**
>
> Dan japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern fejn il-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba ghal korrezzjoni fic-citazzjoni u fejn l-ewwel Qorti sabet htija skond kif spjegat fit-tieni paragrafu ta' din is-sentenza dwar incident li allegatament sehh ghall-habta tas-6.10 a.m. mentri l-incident li fih kien involut l-appellant sehh ghall-habta tas-6.10 p.m.
>
> Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant jimmerita akkoljiment."

Illi b' applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-akkuza kontra l-imputat li qed taghmel referenza ghall-incident li sehh fis-26 ta' Settembru, 2010 ghall-habta tal-04.15 **P.M** meta mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta minghajr dubju ghall-hinijiet ta' bejn it-3.00am u l-4.30am ma tistax treggi. Illi l-akkuza tindika li l-incident sehh tnax -il siegha wara li effettivament sehh u cioe' minflok hemm indikat li l-incident sehh f' hin kmieni filghodu fis-26 ta' Settembru 2010 hemm imnizzel li dan sehh wara nofsinhar.  Il-Prosekuzzjoni setghat

facilment titlob korrezzjoni fic-charge sheet izda dan ma sarx u jsegwi ghalhekk li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuza kif dedotta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------